



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12101/23
PV CONS 39
RELEX 950

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
20 ta' Lulju 2023

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	
a)	Lista mhux leġislattiva	3
b)	Lista leġislattiva	4

Attivitajiet mhux leġislattivi

3.	Ġrajjet kurrenti	4
4.	Aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna	4
5.	It-Turkija.....	5
6.	Id-dimensjoni tal-politika barranija tas-sigurtà ekonomika.....	5
7.	Affarijiet oħra	5
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		6

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 11815/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

11816/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Barranin

15. Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet emendati: prenotifiki
Approvazzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-19.07.2023

11927/23 + **REV 1**
CORLEX

Affarijiet Ġenerali

24. Speċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit
Approvazzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-19.07.2023

11705/23
11212/1/23 REV 1
11212/23 ADD 1-3
+ **ADD 2 COR 1**
(nl)
UK

Atti Delegati jew ta' Implimentazzjoni

Suq Intern u Industrija

28. Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni tat-23.5.2023 li temenda u tikkoreġi d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prova ta' kwalifiki formali u t-titoli ta' korsijiet tat-taħriġ
Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-12.07.2023]

11467/23
9818/23 + ADD 1
+ **COR 1 (lt)**
MI

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

11817/23

Affarijiet Barranin

1. **Regolament dwar il-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-19.07.2023



11499/23
PE-CONS 32/23
POLCOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

2. **Att b'appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon - ir-Regolament (ASAP)**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-19.07.2023



11787/23 + ADD 1
+ ADD 2 REV 1
PE-CONS 46/23
INDEF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-astensjoni tal-Greċja (bażi legali: l-Artikoli 114 u 173(3) TFUE). Il-Kunsill approva wkoll dikjarazzjoni konġunta mal-Parlament Ewropew. Id-dikjarazzjonijiet kollha għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti¹
4. Aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna²
Skambju ta' fehmiet

¹ Inkluż skambju informali ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tal-Istati Uniti (permezz ta' vidjokonferenza)

² Inkluż skambju informali ta' fehmiet mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna (permezz ta' vidjokonferenza)

5. It-Turkija
Skambju ta' fehmiet
6. Id-dimensjoni tal-politika barranija tas-sigurtà ekonomika
Skambju ta' fehmiet
7. Affarijiet oħra



-
- L-ewwel qari
- Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- Punt ristrett
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 11817/23**Dwar il-punt "A"
nru 2:**

Att b'appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon - ir-Regolament (ASAP)
Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrikonoxxu l-urġenza tal-ħtieġa li tiġi meġġuna l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) biex tizzied il-produzzjoni fil-kuntest tal-isfidi maħluqa mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jfakkru li r-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) jipprovdri rispons immedjat għal dik il-ħtieġa urġenti billi jistabbilixxi strument temporanju ġdid li jiffaċilita investimenti industrijali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jisħqu fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-miżuri xierqa kollha biex tissaħħa u tiġi żviluppata l-EDTIB, inklużi l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, u biex jitneħħew l-ostakli u restrizzjonijiet sabiex l-industrija tkun tista' tipproduċi aktar tul il-ktajjen tal-valur.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għalhekk jappellaw lill-Kummissjoni tikkunsidra, kif xieraq, li tressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe inizjattiva ulterjuri meħtieġa biex issaħħa l-EDTIB, inkluż finanzjament adegwat, pereżempju fil-kuntest tal-Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża, kif ukoll qafas legali mmirat biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista u jappoġġa l-produzzjoni tal-munizzjon.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jeżaminaw kwalunkwe inizjattiva bħal din mingħajr dewmien u fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, L-IRLANDA, IL-LUSSEMBURGU U MALTA

"L-Awstrija, l-Irlanda, il-Lussemburgu u Malta għandhom tħassib dwar it-test tal-Premessa 35 li jiddikjara li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jenħtieġ li jsaħħa l-appoġġ tiegħu għall-industrija tad-difiża Ewropea u l-akkwist konġunt lil hinn mill-appoġġ kontinwu tiegħu għall-użu doppju, f'każijiet fejn investimenti bħal dawn iservu b'mod ċar biex jiġu implimentati l-prioritajiet tal-Boxxla Strateġika. Aħna ma nkunux favur li l-Bank Ewropew tal-Investiment isaħħa l-appoġġ tiegħu lil hinn mill-appoġġ kontinwu tiegħu għall-użu doppju."

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU U L-ESTONJA

"Il-Belġju u l-Estonja jilqgħu l-inizjattiva ambizzjuża tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-munizzjon (bħala rispons għal binarju 3 maqbul mill-Kunsill fl-20 ta' Marzu 2023) bil-ħsieb li jitħaffef l-akkwist konġunt u l-konsenja rapida lill-Ukrajna.

Aħna nappoġġaw bis-sħiħ l-approċċ fuq żewġ binarji (ta' programmazzjoni u regolatorju) propost tal-Kummissjoni fir-Regolament ippreżentat dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP).

Jeħtieġ li nimpenjaw ruħna biex insaħħu r-rispons u l-kapaċità tagħna li nappoġġaw lill-Ukrajna u fl-istess ħin inqisu li hemm tieqa ta' opportunità li m'għandniex nitilfu, sabiex nistimulaw u nsaħħu l-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) biex inwettqu l-impenji li ħadna lkoll.

Din il-proposta hija kruċjali biex tiżdied l-assistenza militari tagħna lill-Ukrajna u jitrawmu l-iżvilupp u l-akkwist kollaborattivi tal-kapaċitajiet, u b'hekk jiġu żgurati aktar effiċjenza u effettività akbar billi jiżdiedu l-ekonomiji ta' skala, filwaqt li jissaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-UE. Il-miżuri proposti fil-parti regolatorja tagħha sabiex jitnaqqsu l-konġestjonijiet, jiġu żgurati l-konsenja rapida u l-provvista sigura kif ukoll komponenti kritiċi huma elementi kostitwenti essenzjali ta' tali approċċ.

Għalhekk nistiednu lill-Presidenza Spanjola biex tkompli tesplora bażi komuni dwar approċċ regolatorju bil-ħsieb ta' strumenti futuri."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Il-Greċja hija impenjata għall-iskop doppju li ttipprovdi appoġġ lill-Forzi Armati Ukreni kif ukoll li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-industrija Ewropea tad-difiża. Aħna nappoġġaw bis-sħiħ l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi tal-UE mfassla biex ikunu ta' benefiċċju għall-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea u jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tal-Istati Membri.

Il-Greċja temmen li l-inizjattivi kollha tal-UE fil-qasam tad-difiża jridu jibqgħu kompatibbli bis-sħiħ mal-interessi tad-difiża u s-sigurtà tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-istrumenti tal-politika industrijali li jittrattaw id-difiża għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u t-Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Fl-inizjattivi tad-difiża, it-tħassib dwar il-politika industrijali u t-tħassib dwar is-suq ma jistgħux jегħlbu l-prinċipji tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.

Il-Greċja tfakkar li dan ir-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) jirreferi għal strument fuq terminu qasir biex jappoġġa b'mod urġenti ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-munizzjon u l-missili mill-industrija tad-difiża tal-UE, sabiex jiġu indirizzati lakuni urġenti u kritiċi fil-kapaċità tad-difiża, taħt kundizzjonijiet u kriterji speċifiċi determinati minn ċirkostanzi speċifiċi, jiġifieri dawk maħluqa mir-rispons għall-aggressjoni attwali mir-Russja, u bl-ebda mod ma joħloq preċedent dwar il-proposta ta' strumenti oħra fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u l-kundizzjonijiet u l-kriterji tal-applikazzjoni tagħhom, inkluż id-definizzjoni tal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fil-każ ta' entitajiet ikkontrollati minn pajjiż terz mhux assoċjat jew entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat.

Ir-rispett sħiħ tal-prinċipju ta' relazzjonijiet tajba ta' viċinat minn pajjiżi terzi jibqa' fattur kruċjali fid-determinazzjoni tal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri."